20 ta' Ġunju, 1955

Imħallfin :
Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Luqa Ellul** *versus* Giuseppe Polidano

**Bejgħ — Lokazzjoni d'Opera — Azzjoni Redibitorja — Preskrizzjoni — Danni — Art. 1481 (1) tal-Kap. 23**

*Meta azzjoni għax-xoljiment ta' bejgħ ta' ħaġa mobili hija bażata fuq nuqqas tal-kwalità promessa u fuq il-prinċipju tal-konsegwenzi ta' l-imperizja fl-eżekuzzjoni ta' xogħol li kellu jsir f'dak l-oġġett, l-azzjoni redibitorja għal vizzji ol kulti ma tidħolx; u kwindi mhix applikabbli għal dik l-azzjoni l-preskrizzjoni li tolqot l-azzjoni redibitorja.*

*Minn jintriga minn xogħol hu responsabbli tal-konsegwenzi li ġġib l-eżekuzzjoni ħażina ta' dak ix-xogħol; għax il-lokatur d'opera "spondet peritiam artis" u "imperitia culpae adnumeratur".*

*Iċ-ċirkustanza li s-somma tad-danni tkun serja titla' aktar mis-siwi oriġinarju tal-ħaġa fejn kellu jiġi kollokat l-oġġett mibjugħ u fejn kellu jiġi eżegwit ix-xogħol mhix rilevanti; għaliex il-kawżali tad-danni għandha l-fondament tagħha filli sid dak l-oġġett ma għamelx dak il-qliegħ li diversament kien jagħmel bl-użu ta' dak l-oġġett, avvolja dan kien mill-bidu malmenat, kieku l-ftehim ġie eżegwit kif kellu jiġi eżegwit.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti li hemm bżonn, billi l-konvenut obbliga ruħu ma' l-attur illi jeżegwixxi x-xogħol ta' riparazzjonijiet neċessarji u s-sostituz-

zjoni tal-mutur, u partijiet oħrajn fil-van nru. 8309, proprjetà tal-attur, u jikkonsenjah lill-attur tajjeb u jikkonsma mhux izjed minn gallun petrol għal 27 mil distanza, salvi partijiet oħrajn li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u dan bil-prezz komplessiv ta' £38, li ġew mill-attur antiċipati lill-konvenut; u billi l-konvenut naqas illi jeżegwixxi x-xogħolijiet imsemmija skond is-sengħa u skond il-kondizzjonijiet pattwiti, u għalhekk baqa' inadempjenti, jew, alternativament, ikkaġuna, minħabba imperizja u negliġenza tiegħu, fl-istess van danni irreparabbli li jirrenduh inservibbli għall-iskop tiegħu, jew naqqsu irreparabilment l-effiċjenza primjera u ddeprezzaw il-valur oriġinali tal-istess van; u billi, fiż-żmien li l-istess van għall-iskop premess kien fil-pussess tal-konvenut, ġew danneġġjati jew rimossi xi partijiet mill-istess van minħabba negliġenza jew imperizja tal-konvenut, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; previja, jekk neċessarja, id-dikjarazzjoni illi l-konvenut baqa' inadempjenti, u f'liema manjiera u miżura, u/jew alternativament, id-dikjarazzjoni illi minħabba imperizja u/jew negliġenza tal-konvenut lill-van ġew kaġunati danni irreparabbli li rrendewh inservibbli għall-iskop tiegħu, jew naqqsu l-effiċjenza primjera tal-istess van, bil-konsegwenza illi l-valur oriġinali tiegħu ġie deprezzat, u f'liema miżura, kif ukoll, jekk neċessarja, id-dikjarazzjoni illi, minħabba negliġenza, u/jew imperizja tal-konvenut, ġew rimossi jew danneġġjati partijiet tal-istess van, previji l-aċċertamenti neċessarji b'opra ta' periti nominandi, talab li l-konvenut, (1) minn dina l-Qorti jiġi kundannat jeżegwixxi, a spejjeż tiegħu, taħt id-direzzjoni ta' espert nominat għal dan l-effett minn dina l-Qorti, ir-riparazzjonijiet u xogħolijiet kollha, inkluża eventwalment is-sostituzzjoni ta' mutur u ta' partijiet mil-makkinarju, fil-motorvan no. 8309, proprjetà tal-attur, li skond il-kondizzjonijiet pattwiti jirriżultaw li ma ġewx mill-istess konvenut eżegwiti, jew ma ġewx eżegwiti skond is-sengħa, fi żmien qasir u perentorju fissat minn dina l-Qorti, u in difett jiġi awtorizzat l-attur jeżegwixxi l-istess xogħolijiet, riparazzjonijiet, u eventwalment sostituzzjoni ta' mutur u ta' partijiet mil-makkinarju li din il-Qorti jogħġobha tistabbilixxi, taħt id-direzzjoni ta' espert nominat u l-provvedimenti kollha

mogħtija minn din il-*Qorti*, u *spejjeż tal-konvenut*; (2) jew, alternativament, fil-każ li l-konvenut, minħabba imperizja u negliġenza tiegħu, ikkaġuna fl-istess van danni *irreparabbli* li *rrendewh totalment jew parzjalment* inservibbli għall-iskop tiegħu, jew naqqsu l-effiċjenza primjera, jew ikkaġunaw deprezzament tal-valur tiegħu, għaliex ma għandhomx, jekk *neċessarju*, jiġu minn din il-Qorti likwidati d-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur, u l-konvenut jiġi kundannat iħallas *lill-attur, in linea ta' danni*, dak l-*ammont li jiġi minn* dina l-Qorti għal dak l-effett likwidat; u (3) li jiġu minn dina l-Qorti likwidati, bl-opra ta' periti, jekk *neċessarju*, id-danni sofferti mill-attur minħabba n-nuqqas, id-danneġġjament, u/jew ir-rimozzjoni tal-partijiet mill-istess van, dovuti għall-imperizja jew *negliġenza tal-konvenut*, u l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas, in linea ta' danni, dak l-ammont li għal dana l-effett jiġi likwidat. Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk *tal-ittra* uffiċjali tat-22 ta' Jannar 1951;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-25 ta' Frar 1955, li biha asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba, in kwantu tirrigwarda l-kundanna tal-konvenut biex jeżegwixxi r-riparazzjonijiet u xogħolijiet kollha skond il-kondizzjonijiet *partwiti fil-mutur u f'partijiet mil-makkinarju* tal-motorvan fuq imsemmi, iżda l-ispejjeż relattivi, minħabba r-riżultanzi proċesswali, iħallashom il-*konvenut*; astenjiet ruħha wkoll milli tieħu konjizzjoni tat-tielet talba, għax rinunzjata; u laqgħet it-tieni talba, billi kkundannat lill-konvenut jirrestitwixxi u *iħallas lill-attur* is-somma ta' £38, li minn għandu kien irċieva, kif ukoll £2 fix-xahar bħala danni mis-6 ta' Novembru 1951 sal-ġurnata li *jerġa jagħmel* il-van kif kien *meta* rċevieh minn għand l-attur, l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

*Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni*, ikkonkluda (1) illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien illi l-konvenut kellu jbiegħ mutur ta' van lill-attur bil-*prezz ta'* £24 (recte ta' £14) u jpoġġihulu b'kumpens ta' £14 (recte ta' £24), b'kollox £38; (2) illi l-mutur huwa qadim ħafna, logorat bl-użu, fih xi partijiet *mankanti*, u mhux att għall-użu li għalieh hu destinat; (3) illi x-xogħol tal-kollokament tal-

mutur huwa rozz **ħafna**, magħmul bil-**ħeffa**, **kontra** s-sengħa, u mingħajr **sens** ta' *responsabbiltà*; **(4) illi l-konvenut** kien iggarantixxa lill-**attur** miljaġġ **ta' 27 mil** kull gallun, li l-van mhux **kapaċi** jagħmel; (5) illi **l-attur sofra** *danni mħabba l-inadempjenza* **tal-konvenut, billi ma setgħax** jagħmel użu mil-van mħabba **x-xogħol ħażin**, liema danni ġew likwidati £2 **fix-xahar**, almenu minn xahar wara l-**konvenzjoni**, ċjoe mis-6 ta' Lulju 1951, sal-ġurnata li jerġa' jagħmel **kollox** kif kien;

Illi, barra dak li sejjer jingħad aktar *il-quddiem*, il-Qorti *taqbel* mal-konklużjonijiet tal-perit legali;

Illi, però, id-danni ta' £2 fix-xahar għandhom jibdew mis-6 ta' Novembru 1951, peress illi l-*attur jidher li* għamel użu mil-van minn erbgħa sa ħames xhur wara li kien sar l-akkordju (fol. 25);

Illi mhix attendibbli l-osservazzjoni tal-konvenut, li ċjoè d-*difetti riskontrati* mill-perit jistgħu jiġu rimedjati u għalhekk l-attur ma jistgħax jirrifjuta l-mutur; dina l-pretensjoni hija kuntrarja għar-riżultanzi *proċesswali* u għall-opinjoni tal-perit ġudizzjarju, peress li l-mutur mhux tajjeb għall-użu li għalieh hu destinat;

Illi l-attur, b'nota tas-26 ta' Novembru 1954 (fol. 75), issottometta illi in segwitu għar-riżultanzi proċesswali, fermi dejjem id-domandi għar-rifużjoni tad-danni, l-ewwel alter*nativa relativa* għar-riparazzjoni tal-mutur, mhix aktar possibbli, u għalhekk jinsisti fuq it-tieni alternativa, jiġifieri li, bħala konsegwenza ta' *imperizja jew negligenza* tal-konvenut, dana kkaġuna fil-motorvan danni irreparabbli li jirrenduh totalment jew parzjalment inservibbli għall-iskop tiegħu, salvi *x-xoljiment tal-bejgħ, jekk neċessarju*, u r-restituzzjoni tal-mutur lill-konvenut, u r-rifużjoni ta' dan lill-attur tat-£38 li kien irċieva *fl-akkordju*. *B'nota* oħra tad-19 ta' Frar 1955 (fol. 77), l-attur, kif fuq intqal, irrinunzja għall-alternativa rigwardanti l-kundanna tal-konvenut **biex** *jirripara l-mutur u xi partijiet mil-makkinarju* fil-van **in kwistjoni**, salv dejjem il-kap tal-ispejjeż, kif ukoll irrinunzja għat-tielet domanda, billi din hija *ripetizzjoni* tat-tieni talba;

*Illi, ladarba l-mutur in kwistjoni, fl-istat li hu mhux* kapaċi jservi għall-iskop li għalieħ huwa destinat, in-negozju li sar bejn *il-kontendenti* għandu jiġi ritenut bħala xjolt, u għalhekk l-attur mhux obligat jeżegwixxi l-ftehim; u kull parti għandha tiġi mqegħedha *"in pristinum"*;

*Rat, fol.89,* il-petizzjoni *tal-konvenut*, li biha *talab* li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni *tal-preskrizzjoni*, u billi jiġu respinti t-talbiet attriċi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

F'din l-istanza l-konvenut issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kontemplata fl-art. 1481 (1) Kap. 23 Ediz. Riv.;

*Din il-preskrizzjoni mhix applikabbli għall-każ, għaliex* l-azzjoni preżenti, kwantu għall-mutur, hi dik bażata fuq nuqqas *tal-kwalità* promessa (infatti l-konvenut wiegħed lill-attur li l-mutur kellu jkun tajjeb għax-xogħol tal-van) — ara Appell "Aquilina vs. *Mamo*", 23 ta' Ottubru 1927; u, kwantu għax-xogħol, hi bażata fuq il-prinċipju tal-konsegwenzi ta' l-imperizja fl-eżekuzzjoni ta' xogħol. *L-azzjoni redibitorja* għall-vizzji okkulti, għalhekk, ma tidħolx, u kwindi l-eċċepita preskrizzjoni ma hix applikabbli;

Ir-riżultanzi proċesswali, *partikolarment* il-perizja, ma jħallux dubju li l-mutur ma kienx affattu tal-bontà promessa, anki għal prezzu; kif l-anqas iħallu dubju li l-konvenut għamel ix-xogħol mhux biss bl-aktar mod *rozz u inefficjenti, imma* anki b'sens ta' irresponsabbilità kważi kriminuża; għax, kif *jidher mil-perizja*, biex jeħles ħafif u bi ftit xogħol u spiża, għamel affarijiet li setgħu ġiebu disgrazzja serja — possibilità li hu ma *setgħax jinjora* anki bil-konoxxenzi limitati tiegħu. Il-każ hu aktar gravi in kwantokkè kien il-konvenut stess li offra ruħu, anzi pperswada *lill-attur* jirlaq lil ħadd ieħor. Ladarba hu ntriga għax-xogħol, allura hu responsabbli tal-konsegwenzi; għaliex il-lokatur d'opera *"spondet peritiam artis"*, u *"imperitia culpae adnumeratur"*;

Kwantu għall-entità tad-danni, din il-Qorti ma tarax

raġuni biex tiskosta ruħha mir-rata ta' £2 fix-xahar, likwidata mill-Ewwel Qorti u mill-perit;

Iċ-ċirkustanza li s-somma tad-danni sejra titla aktar mis-siwi oriġinali tal-van mhix rilevanti, għaliex il-kawżali tad-danni ssib il-fondament tagħha filli l-attur, minħabba l-għemil tal-konvenut, ma għamelx dak il-qliegħ li diversament kien jagħmel bil-van, allavolja dan kien mill-bidu malmenat;

Biss, din il-Qorti jidhrilha li għandha tiċċara l-evenjenza li fiha għandhom jieqfu d-danni. L-ewwel Qorti qalet "sal ġurnata li jerġa jagħmel il-van kif kien meta rċevieh minn għand l-attur". B'dawn il-kliem jista' jkun hemm miżapprensjoni; għaliex hu ovvju li ċertu materjal, li kien hemm fil-van meta l-konvenut beda jaħdem, bil-fors sar inutilizzabbli u ntrema; u b'dan il-mod il-kundanna għad-danni tista' ssir, b'inġustizzja għall-konvenut, indefinita. Is-soluzzjoni tista' tinsab fil-kliem tal-perizja. Fol. 56 il-perit qal hekk :—

"*Il-konvenut għandu wkoll jaqla', a spejjeż tiegħu, il-mutur minn postu kif jinsab poġġut fil-van, u jerġa' jagħmel kollox u jħalli kollox fl-istat li kien qabel ma huwa poġġa dan il-mutur*". Fol. 57, il-perit issintetizza dan il-konċett hekk :— "*Mela, meta jaqla' l-mutur u jieħdu, il-konvenut jiġi ħalla kollox fl-istat pristinu*";

Il-Qorti tadotta din il-*formula* ta' l-aħħar;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Billi tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza *appellata*; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Id-danni għandhom jitqiesu li ma jiddekorrux aktar mill-jum li fih il-konvenut jaqla' u jieħu l-mutur mil-van, taħt id-direzzjoni u għas-sodisfazzjon *tal-perit ga nominat*, li għandu jippreżenta nota wara l-attijiet ta' din il-kawża dwar daqs-hekk; u b'dan li d-drittijiet tal-perit għal dan ix-xogħol jit-ħallsu wkoll mill-konvenut.